MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2015

Numru. 283/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Spiridione Zammit]**

**vs**

**Darren Pisani**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Pisani detentur tal-karta tal-identita` numru 93686(M).

Akkuzat talli fix-xahar ta' Dicembru 2014 u/jew zminijiet wara fil-Fgura u/jew f'dawn il-gzejjer:

> Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' laqa' ghandu mobile tal-ghamla Zenphone Asus u/jew oggetti ohra liema oggetti kienu nsterqu minn vettura tal-ghamla Skoda numru tar-registrazzjoni SUE123 propjeta' ta' Henry Portelli minn Hal-Tarxien.
>
> Ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 49, 50, 289 u 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Darren Pisani hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante ammissjoni bikrija u stante li kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante li l-imputat ghandu bzonn aktar direzzjoni fil-hajja, l-Qorti qed timponi Probation Order ghal zmien sentejn (2), taht l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------